# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Ottubru, 2001 .

## Avviz numru : 36/01GT(GM)

**Network Publications Ltd .**

**VS**

**Tritons Co. Ltd .**

**It-Tribunal ;**

**Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qeghda titlob il-hlas ta' mija disgha u erbghin lira maltin u hamsin centezmu (Lm149.50) u l-interessi, ammont dovut wara riklami fil-pubblikazzjoni "The Circle" .**

**Ra r-riferta pozittiva mnejn jirrizulta li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata izda la pprezentat risposta u lanqas dehret ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fil-25 ta' Ottubru, 2001 u dik tal-lum .**

**Semgha d-depozizzjoni guramentata tal-avukat Dottor Carmelo Galea ghas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut .**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk jikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' mija disgha u erbghin lira maltin u hamsin centezmu (LM149.50), bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez a karigu tal-konvenut .**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur .**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S3601GtGm
182